MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Numru 763/2005

PULIZIJA
SPETTUR CARLOS CORDINA
VS
*OMISSIS A*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, *Omissis A* ta’ *omissis* sena, iben *Omissis D* u *Omissis E*, imwieled *omissis* nhar *omissis*, residenti *Omissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *omissis*;

Illi huwa akkuzat talli nhar *omissis* ghall-habta ta’ *omissis* gewwa *omissis*:

A. B’eghmil zieni, kkorrompa lil *Omissis B* ta’ *omissis*-il sena, persuna ta’ taht l-eta’;
B. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku;

C. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi *omissis* jew f'lok iehor pubbliku, neza gharwien jew ma kienx liebes xieraq;

Il-Qorti hija umilment mitluba wkoll li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi *Omissis A* b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' flus skond l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

L-Ufficjal Prosekutur Spettur Malcolm Spiteri (a fol.11 et seq.) xehed illi l-Pulizija ta' l-Ghassa ta' *Omissis* rceviet rapport minghand *Omissis M* dwar korruzzjoni ta' ibnu *Omissis B* ta' *omissis* (*omissis*)-il sena minn gara tieghu. Hu rraporta illi martu *Omissis O* u ibnu *Omissis B* kienu marru jghumu hdejn ir-Rinnella, flimkien mal-familja ta' l-imputat li huma l-gara taghhom u hbieb tal-qalb. *Omissis M* stqarr lill-Pulizija li ibnu kien mar dawra fuq il-blat u wara xi ftit minuti, missieru (*Omissis M*) mar ifittxu u kien hemmhekk li ra lil *Omissis B* go ghar bil-wieqfa u l-imputat li ressaq is-*shorts*, hareg il-parti genitali tieghu barra u beda jimmasturba quddiem dan it-tifel. Kif irritorna t-tifel, *Omissis M* mar jirraporta l-Ghassa mat-tifel.

L-imputat, fl-istqarrija tieghu Dok.MP (fol.21 sa fol.23) jinnega l-allegazzjonijiet u jghid li kien vera li marru dawra fuq il-blat hu u *Omissis B*, li f'hin minnhom ta gembu lil *Omissis B* ghaliex ried jghaddi l-awrina. F'dan il-mument, l-imputat innota lil missier *Omissis B* jhares lejhom.

Spettur Spiteri xehed illi huwa kien kellem lit-tifel *Omissis B* u dan informah li f'ebda hin ma ra l-imputat jghaddi l-awrina. Rinfaccat b'dan il-fatt, l-imputat kien irrisponda lill-Ufficjal Prosekutur, "*Mela jien ghandi bewla ta' ziemel?*" (fol.13)

L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li ma ttiehdu ebda *swab* minn fuq il-persuna ta' l-imputat jew minn fuq il-post u dana il-ghaliex l-Ufficjal Prosekutur deherlu li ma kienx hemm htiega ghal dan.

L-Ufficjal Prosekutur xehed (a fol.17) li waqt li l-imputat kien qieghed jimmasturba, *Omissis B* staqsih x'kien qed jaghmel u l-imputat wiegbu "*inti oqghod hemm hares lejja*".

Spettur Spiteri xehed li *Omissis M* kien mahkum minn rabja kbira u ddecieda li ma jikkonfrontax lill-imputat u li *Omissis B* ghazel li ma jitkellemx quddiem l-imputat meta ra lil missieru daqshekk irrabjat. Spettur Spiteri xehed li l-imputat ma qallux li kellu *erection problems* jew li jbaghti miz-zokkor dak il-hin jew waqt l-istqarrija.

*Omissis M* (a fol.24 et seq.) ikkonferma r-rapport li ghamel lill-Pulizija u x-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur. Hu xehed li kien xi tletin pied 'il boghod meta ra lill-imputat jimmasturba quddiem ibnu, waqt li *Omissis B* kien xi erba' (4) piedi 'l boghod mill-imputat. Ikkonferma illi z-zewg familji kienu hbieb sew u ta' sikwit jghumu flimkien u bit-tfal dehlin u hergin ghand xulxin. *Omissis M* xehed illi huwa qatt ma kien ra ghajn hazina mill-imputat qabel dan l-incident. *Omissis M* xehed li ma semghax diskors bejn l-imputat u ibnu, jew xi ghajjat mill-pozizzjoni li kien qieghed fiha. *Omissis M* (a fol.33 xehed li fil-karozza, ibnu qallu x'kien gara u cioe li waqt li *Omissis B* kien qieghed ipingi

mal-hajt ta’ l-ghar, l-imputat beda jilghab bil-parti privata tieghu u li waqt li kien qed jaghmel dawk il-mossi, l-imputat kien talab lil *Omissis B* “ihares.” (fol.34)

*Omissis B* (fol.37 et seq.) xehed li waqt li hu u l-familja tieghu kienu hdejn il-bahar, l-imputat stiednu biex imorru mawra fuq il-blat. Qallu wkoll biex imorru sa “dik it-toqba” (l-ghar). *Omissis B* xehed illi ghandu laqam ta’ “*omissis*” u li waqt li kienu fl-ghar, huwa beda jpingi mal-hajt. L-imputat ghajjatlu u qallu “*omissis*” u rah jilghab bil-parti genitali tieghu (fol.38). L-imputat qallu “u ghoqod naqra hdejja” imbaghad l-imputat ra lil *Omissis M*. L-imputat (a fol.39 u 40) ta rakkont dettaljat tal-pozizzjoni ta’ l-imputat, il-mossi li ghamel u kkonferma illi minn fejn kien, seta jara l-parti genitali esposti ta’ l-imputat. *Omissis B* xehed li l-imputat ma qallux li kellu bzonn jghaddi l-awrina u li f’ebda hin ma ra xi likwidu hiereg mill-pene ta’ l-imputat jew xamm xi riha ta’ awrina (a fol.40). *Omissis B* xehed li l-pene ta’ l-imputat kien dritt u wieqaf (a fol.41). *Omissis B* jinnega li waqt il-masturbazzjoni l-imputat dar wiccu lejn il-hajt anzi jghid “Le wiccu lejja hekk.” (a fol.42). *Omissis B* xehed li hu kien qed ipingi mal-hajt u dar biss ghaliex ghajjatlu l-imputat **biex “ihares”** (a fol.43). *Omissis B* xehed illi l-imputat qatt ma kien ittantah qabel din l-okkazzjoni.

PS 1330 Alexander Schembri (a fol.47 et seq). ikkonferma r-rapport ta’ korruzzjoni ta’ minorenni li ghamel *Omissis M* fil-konfront ta’ l-imputat u ezebixxa okkorrenza (Dok.PS). Hu stqarr illi l-imputat cahad dawk l-allegazzjonijiet.

PC 311 Clint Bone, kkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat (a fol.54).

L-imputat *Omissis A* (a fol.73 sa fol.75 et seq.) xehed illi huwa kien mizzewweg u li l-familja ta’ *Omissis M* kien gara tieghu u li gieli marru l-bahar flimkien. Huwa xehed li kien *Omissis B* li stiednu li jmorru dawra fuq il-blat u li baqa’ jiffittah u l-imputat fl-ahhar accetta (fol.7). Illi waqt illi kienu qeghdin jimxu, l-imputat jghid illi *Omissis B* ried jinzel f’parti fejn huwa deherlu illi kien perikoluz:

***"Xhud: …u kien hemm qisha dahla hekk fuq il-lemin stess hekk qisha dahla, u jien bdejt inhares lejn l-art u kien hemm dak it-trab li jaqa' minn mal-blat hekk nghidlu jien qisu trab hu xahx hekk, u kien hemm il-passi hekk, qedtlu zgur hawn xi tajra hawn ghax rajt il-passi tat-tajr hekk jien, insomma, u dan insomma u jien peress li diabetic jien jien ghandi l-by-pass ukoll …sieqi wkoll***
***Dif: Issa nidhlu f'dak l-aspett kompli***
***Xhud: Insomma, u peress li diabetic pipi taqbdek naqra iktar spiss, u jien insomma kont dan hu jittawwal u hekk u qbadt jien jigifieri tajtu genbi jien hekk, ma nzajt xejn taf jigifieri jien, u ghamilt hrigt minn hemm, ghamilt pipi ferfirt hekk u daqshekk"*** (ara fol.76).

L-imputat kompla jghid illi minhabba li huwa dijabetiku huwa ma jkunx jista' jikkontjeni l-awrina tieghu. Huwa xehed illi wara ftit sekondi sema l-ghajjat ta' missier *Omissis B* u telqu halli jinghaqdu ma' l-ohrajn. Mistoqsi jekk fil-fatt ghaddihiex l-awrina, l-imputat jghid:

***"Ma ghamilt xejn jien, hrigna 'l barra ahna."*** (ara fol.76).

L-imputat jghid illi *Omissis B*, meta mar lura mal-familja tieghu, qal lil missieru:

***"Ma ghamilna xejn pa."*** (ara fol.76).

A fol.78, l-imputat baqa' jghid illi huwa, kemm mal-genituri ta' *Omissis B*, kif ukoll mal-Pulizija, baqa jsostni illi huwa ma ghamel xejn hlief pipi. A fol.75, l-imputat jghid illi huwa ghamel zewg *by-passes* f'saqajh u ohra f'sidru u l-mossi illi ghamel, kienu biex inehhi t-taqtiriet tal-pipi li jkun fadal minn gismu.

In kontro ezami (a fol.81), l-imputat jghid illi f'dak il-ghar huwa ftit lahaq ghamel pipi. Ikkonferma wkoll illi meta kien

qed jaghmel pipi, huwa ta daharu lejn *Omissis B*. A fol.83, l-imputat jaghti speci ta' spjegazzjoni dwar kif semma t-tjur – ghasafar - (li wiehed ghandu bzonn jaqra in testimonjanza biex jiprova jifhimha).

Dr. *Omissis T* (a fol.85) xehed illi kien it-tabib tal-familja, kien ilu jaf lill-imputat dawn l-ahhar erba' u ghoxrin (24) sena. Huwa xehed illi l-imputat kellu problemi ta' erezzjoni minhabba l-kumplikazzjonijiet medici, illi minnhom, l-imputat kien ibghati, l-kundizzjonijiet illi waslu li jkollu tlett *by-passes*, izda kkonferma (a fol.87) illi l-imputat kien kapaci jkollu: ***"Forma ta' erection zghira."*** Dr. *Omissis T* ikkonferma illi wiehed li jbaghti minn dawn il-kumplikazzjonijiet jista' jiprova jimmasturba (ara fol.89).

*Omissis C* (a fol.94), mart l-imputat, ikkonfermat illi zewgha kellu problemi ta' impontenza f'dawn l-ahhar tlieta (3) jew erbgha (4) snin. Ikkonfermat illi bejn iz-zewg familji kien hemm hbiberija kbira. *Omissis C* xehedet bil-manjiera illi biha, *Omissis M* inkorla dakinhar illi kienu l-bahar u l-mod illi bih hebb ghal ibnu.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti, johrog b'mod evidenti li l-imputat, illi kien ghal xi snin qed ibghati minn impotenza sesswali fir-relazzjonijiet intimi ma' martu, hajjar lil minuri *Omissis B* (u mhux vice versa) sabiex imorru passiggata fuq il-blat u minflok, hadu gewwa ghar. Hemmhekk, ressaq il-malja, hareg il-parti genitali tieghu u beda jimmasturba u sejjah lil *Omissis B* ihares lejh. F'temp ta' ftit minuti, *Omissis M*, missier dan il-minuri, li segwihom, ra din ix-xena u beda jghajjat biex jigbdilhom l-attenzjoni u waqaf kollox hemm.

Din il-Qorti, minkejja li taghraf illi jista' jkun verita' ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma' l-impotenza ta' l-imputat u dak illi ghandu x'jaqsam mal-kundizzjoni medika tieghu, hi tal-fehema illi l-verzjoni li ta l-imputat m'hijiex wahda kredibbli, verosimili u din il-Qorti ma tistghax takkordala xi forma ta' affidabilita'. Dan qed jinghad il-ghaliex ma rrizultax mill-provi illi l-imputat, fil-fatt, ghamel pipi

dakinhar, *Omissis B* dan jinnegah b'mod assolut, fis-sens li la ra pipi hierga mill-organu genitali ta' l-imputat, la sema hoss ta' pipi niezla, wisq anqas xamm riha ta' awrina.

Illi, di piu', minkejja l-fatt li l-imputat iprova jipperswadi lil din il-Qorti, minhabba li huwa dijabetiku, meta taqbdu l-pipi ma jkunx jista' jikkontjeniha, fix-xhieda tieghu (ibid) jafferma l-ewwelnett illi ma ghamilx pipi, minhabba l-ghajjat ta' *Omissis M* u mbaghad, sussegwentement, jghid illi ghamel ftit.

Di piu', l-Qorti ma tara xejn kredibbli r-"ragunament" ta' l-imputat, ghal rigward it-"tjur" jew it-"tajr", wiehed irid jaqra, ghal darba, tnejn, tlieta, dak illi jghid l-imputat bhala skuza (ara fol.83).

L-imputat jinstab mixli, b'korruzzjoni ta' minorenni, ai tenut ta' l-Artikoli 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi tipprovdi:

***"203. (1) Whosoever, by lewd acts, defiles a minor of either sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding three years, with or without solitary confinement:***

***Provided that the offence shall be punishable with imprisonment for a term from three to six years, with or without solitary confinement, in each of the following cases:***

***(a) if the offence is committed on a person who has not completed the age of*** **omissis** ***years, or with violence;***

***(b) if the offence is committed by means of threats or deceit;***

***(c) if the offence is committed by any ascendant by consanguinity or affinity, or by the adoptive father or mother, or by the tutor of the minor, or by any other person charged, even though temporarily, with the***

***care, education, instruction, control or custody of the minor.***

***(2) The provisions of article 197(4) shall also apply in the case of an offence under this article, when the offence is committed by any ascendant or tutor.***

***(3) No proceedings shall be instituted in respect of any offence under this article except on the complaint of the injured party:***

***Provided that where the offence is not accompanied by any of the circumstances as to fact or person mentioned in subarticle (1)(a), (b), and (c), the complaint shall not be admissible after the lapse of one year from the day on which the act was committed or knowledge thereof was obtained by the person entitled to lodge the complaint in lieu of the injured party:***

***Provided further that proceedings shall be instituted ex officio -***

***(a) in any of the cases referred to in the proviso to article 544;***

***(b) when the act is committed with abuse of parental authority or of tutorship."***

L-elementi kardinali ta' dan ir-reat huma l-prova ta' atti di libidini jew *lewd acts*, li dawn ikunu kapaci li jikkorrompu lil minuri u l-eta' tal-vittma tar-reat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with***

***any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

***'Tifel ta' appena*** **omissis*****-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'***

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettqu l-imputati, u cioe', kongungiment karnali ma' minuri ta' *omissis* sena, u l-mess ta' partijiet genitali tal-minuri, jikkostitwixxu par excellence, dak illi l-ligi tikkategorizza bhala 'lewd acts' jew atti di libidini'.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

***'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri***

***sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'***

Illi, fil-kaz in ezami, l-masturbazzjoni fil-prezenza tal-minuri, akkompanjat minn direzzjoni ta' l-imputat sabiex il-minuri jhares lejh waqt l-att ta' masturbazzjoni, certament huwa *lewd act*, kapaci li jikkorrompi tifel ta' *omissis* (*omissis*)-il sena. Ix-xhieda ta' *Omissis B* u l-manjiera illi biha huwa rrejagixxa huwa prova ta' dan.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat ***Omissis A*,** hati skond l-akkuza, bit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza assorbiti ai fini ta' piena u wara li rat l-Artikolu 203 u 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.**

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece kollha tal-kaz, l-eta' taz-zaghzugh illi kellu *omissis* (*omissis*)-il sena maghluqa, il-fatt illi l-minuri ma ntmessx mill-imputat, u l-fatt illi l-atti di libidini kienu momentanji a kawza ta' l-azzjoni mmedjata ta' missier il-minuri u l-fedina penali nadifa ta' l-imputat.

Il-Qorti tordna illi l-ismijiet ta' l-imputat, tal-minuri u l-familjari sew tal-minuri kif ukoll ta' l-imputat ma jixxandrux ghal raguni specifika li l-familja tal-minuri u l-familja ta' l-imputat huma gara u jghixu bieb ma' bieb u ghaldaqstant

pubblikazzjoni ta’ dawn il-fatti jwasslu biex jesponu l-identifikazzjoni tal-minuri koncernat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------